**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 491/2016**

**BH (l-ilmentatrici)**

**vs**

**MFSP Financial Management Ltd.**

**(C42720)**

**Seduta tat-13 ta' Marzu 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn fost affarijiet ohra gie sottomess illi:**

1.1. Fit-18 ta' Novembru 2010, sar investiment ta' €10,000 fl-*LM Managed Performance Fund ('LMMPF'),* fond mibjugh lill-ilmentatrici fuq bazi ta' "*promote and sell*" minn wiehed mid-diretturi dak iz-zmien tal-provditur tas-servizz wara laqgha li l-ilmentatrici kellha mal-provditur tas-servizz fil-15 ta' Ottubru 2010. Dan l-investiment sar ghal perjodu fiss ta' sentejn.

L-investiment fl-*LMMPF* kien it-tieni investiment li l-ilmentatrici ghamlet mal-provditur tas-servizz wara investiment fl-*ARM Capital Growth Bond - EUR 7YR* ('ARM') li sar fis-sena ta' qabel, fil-31 ta' Lulju 2009, fejn l-ilmentatrici investiet is-somma separata ta' €10,000 f'dan il-prodott.

1.2. Wara li immatura l-investiment fl-*LMMPF*, fit-18 ta' Novembru 2012, l-ilmentatrici ma rcevietx lura s-somma investita ta' €10,000 u kienet infurmata li kien hemm xi dewmien bil-pagamenti, sakemm f'Marzu 2013 giet infurmata li l-fond kien tpogga f'*voluntary administration* u,

sussegwement, f'likwidazzjoni fis-snin ta' wara. Hekk kif gie deskritt f'pagna 17 fid-dokument tal-Ilment mibghut lill-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji, t-*trustees* tal-fond habbru f'Settembru 2013, li anqas minn "*five cents in a dollar*" qabel l-ispejjez, huma mistennija li jigu rkuprati ghal-investituri f'dan il-fond. L-ilment ghalhekk jirrigwarda t-telf ta' kapital ta' €10,000 investiti fl-*LMMPF* u d-dhul minnu.

1.3. L-ilmentatrici issottomettiet li l-prodotti mibjugha lilha, kemm l-ewwel investiment fl-*ARM* u kemm l-investiment fl-*LMMPF,* kienu prodotti kumplessi u spekulattivi b'riskju gholi, li ma kienux *suitable* jew *appropriate* ghaliha peress li mhux kompatibbli mal-attitudni ta' riskju u c-cirkostanzi personali taghha u hi ma kellhiex la l-esperjenza u lanqas it-taghrif f'dawn it-tip ta' investimenti.

1.4. Gie sottomess ukoll li kien hemm diversi nuqqasijiet min-naha tal-provditur tas-servizz li ma agixxiex fl-ahjar interess taghha u dan, fosthom, meta l-ilmentatrici ma nghatat l-ebda kopja ta' dokumenti ffirmati minnha fejn gie allegat li dawn la nqrawlha u lanqas gew spjegati lilha; li d-dikjarazzjonijiet ta' investitur b'esperjenza li ttiehdu mill-ilmentatrici mhumiex veritieri u ttiehdu b'qerq u ngann; li l-ilmentatrici ma inghatat l-ebda hjiel fuq ir-riskji gholja fuq il-prodotti li nbieghu lilha.

Sottomissjoniet ohra jinkludu li l-ilmentatrici ma inghatatx dettal ta' remunerazzjoni jew kummissjoni li ircieva l-provditur tas-servizz mit-tranzazzjoni fuq l-investimenti taghha hekk kif rikjest mir-regoli u li, filwaqt li l-*LMMPF* kien intiz ghal "*accredited, sophisticated or professional investors*", dan gie mibjugh lilha meta hi kienet "*retail investor*" minghajr ebda esperjenza fl-investimenti.

Gie sottomess ukoll li kien hemm digà indikazzjonijiet negattivi fuq il-fond u li kieku sar *due diligence* sew ma kienx ikun prodott li jigi ikkunsidrat ghaliha bhala *retail investor*. F'dan ir-rigward gie ddikjarat li sa mill-2009, il-fond kien qed ihallas l-investituri b'hafna dewmien (ta' anke 18-il xahar). Saret referenza, fosthom, li fil-*Portfolio Update* tal-fond datat Lulju 2010, kien hemm digà twissija fuq dewmien ta' pagamenti minhabba l-kundizzjonijiet tas-suq. Gie rrimarkat ukoll li l-*LMMPF* kien primarjament

f'self u finanzjament fis-settur tal-proprjetà lil kumpaniji relatati mal-grupp tal-*manager* tal-fond stess u li dan kellu jqajjem certu thassib.

L-ilmentatrici issottommettiet ukoll li hi ma kienetx konxja li l-investimenti nbieghu lilha fuq bazi ta' *promotion and selling* u mhux *investment advice* u hi saret konxja ta' dan biss fl-2015, f'diskussjonijiet li kellha fuq is-sitwazzjoni taghha ma' provditur iehor ta' investiment.[1]

Gie sottomess ukoll li wara li l-*MFSA* ikkunsidrat l-ilment taghha mal-Awtorità fis-sena 2015, l-*MFSA* harget *ruling* favur taghha.

1.5. L-ilmentatrici essenzjalment allegat li l-provditur tas-servizz offra lill-ilmentatrici investiment kumpless b'riskju gholi li mhux *appropriate* u lanqas *suitable* ghac-cirkostanzi u l-attitudni ta' riskju taghha u li ma kienx kompatibbli mac-cirkostanzi personali u objettivi kif ukoll l-esperjenza u taghrif ta' investimenti taghha; fejn hi ma kienitx f'pozizzjoni li tifhem u tapprezza r-riskji. Dan fost l-allegat nuqqasijiet ohra min-naha tal-provditur tas-servizz, bhal nuqqas li jigi pprovdut kopji ta' *file notes* u *Confidential Client Fact Find*, *Appropriateness Test*, *Experiened Investor Declaration* u dokumenti ohra;[2] nuqqas ta' rendikont tal-kummissjoni u remunerazzjoni li l-provditur tas-servizz kien qieghed jircievi; nuqqas ta' spjega tar-riskji assocjati ma' investimenti bhal dawk fl-*ARM* u l-*LMMPF*; approfittar minn nuqqas ta' esperjenza tal-ilmentatrici meta ittiehditilha l-firma fuq dokumenti minghajr ma dawn gew spjegati jew moqrija lilha.

1.6. Qieghed jintalab, fosthom, biex l-Arbitru jiddikjara li l-provditur tas-servizz ma mexiex fl-ahjar interessi tal-ilmentatrici u huwa hati ta' *investment misselling* fejn fic-cirkostanzi l-ilmentatrici ghandha tigi integrata fil-pozizzjoni finanzjarja precedenti ghall-investiment fl-*LMMPF* billi jigi restitwit il-kapital investit ta' €10,000 flimkien mal-imghax ikkalkulat kif gej:[3]

a) imghax b'rata ragonevoli ghall-perjodu bejn il-15 ta' Ottubru 2010, (id-data tal-formularju tal-investiment, f'liema data l-ilmentatrici ipprovdiet il-flus ghall-investiment) sat-22 ta' Lulju 2015, (li tirrifletti d-

[1] A fol. 20
[2] A fol. 43
[3] A fol. 46

data tal-konkluzjonijiet tal-*MFSA* fuq l-ilment) fuq is-somma nvestita ta' €10,000. Ir-rata ta' imghax tkun ekwivalenti ghal rata li tirrifletti l-attitudni ta' riskju kawt tal-ilmentatrici fejn sar riferiment ghal rati applikabbli fuq *bond* tal-Gvern Malti ta' 10 snin li seta' nxtara dak iz-zmien bir-rata ta' 3.88% p.a.;

b) bejn it-23 ta' Lulju 2015, sad-data tad-decizjoni tal-Arbitru, jithallas imghax bir-rata statutorja ta' 8% fuq is-somma nvestita ta' €10,000;

c) li mill-imghax t'hawn fuq jitnaqqas dak l-imghax precedenti li rceviet l-ilmentatrici (jigifieri €700, €342.56 u €326.39) jew kif jiddeciedi l-Arbitru.

Qieghed jintalab ukoll li mal-pagament jigi ordnat li l-ilmentatrici tittrasferixxi lill-provditur tas-servizz it-titlu legali u beneficjali u drittijiet kollha relatati mal-investiment taghha fl-*LMMPF*.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid**:

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-"Arbitru") ma ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-vertenza odjerna billi l-Ilmentatrici, permezz tal-ittra ufficjali 32/2015, hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. MFSP 1', issottomettiet ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 21(2)(a) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta (l-"Att") liema Att jirrikonoxxi l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin u jiddisponi li l-Arbitru ghandu jirrifjuta milli jezercita s-setghat tieghu meta "*l-imgiba li jkun sar l-ilment dwarha hi jew kienet soggetta ghal kawza quddiem qorti jew tribunal mibdija mill-istess persuna li tkun qed taghmel l-ilment*" u, ghalhekk, l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment.

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, skont l-ammissjoni tal-Ilmentatrici stess fl-Ilment (ara pagna 2 paragrafu 2.1 u 2.3.2), l-Ilment huwa preskritt minn perijodu ta' hames snin minn mindu r-relazzjoni kontrattwali bejn is-Socjetà u l-Ilmentatrici gie konkluz fis-17

ta' Lulju 2009, (*vide Client Profile - Section 7 - Client Agreement* anness u mmarkat bhala 'Dok. MFSP 2');

3. Illi preliminarjament, sakemm l-Ilment hu kkoncernat, is-Socjetà Esponenti tiddikjara illi l-provi voluminuzi sottomessi f'dan l-Ilment huma irrelevanti u ghandhom ikunu sfilzati mill-Arbitru ghaliex id-dokumenti kollha sottomessi huma irrelevanti u bi ksur car tal-Artiklu 558 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li carament jghid li *'kull prova ghandha tkun rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet.'* Skont klawsola 2.1 tal-Ilment, is-suggett tal-Ilment huwa fuq il-prodott finanzjarju *LM Australia Managed Performance Fund ("LMMPF"),* izda l-Ilment innifsu huwa mizghud b'dokumentazzjoni u sottomissjonijiet fuq investiment iehor (*Arm Capital Growth Bond*) li fuqu l-Ilmentatrici mhix qed tilmenta sabiex tipprova tizvija, ittebba' (skont hi) u tiddiskredita b'mod malizzjuz is-Socjetà Esponenti b'materjal irrelevanti. It-total tal-mitejn pagna ta' dokumenti vessatorji u frivoli ikkunsidrati mill-Ilmentatrici bhala *'provi dokumentarji'*, inkluzi d-dokumenti fuq investiment iehor li l-Ilmentatrici mhix qieghda tilmenta fuqu u mmarkati bhala Dokument C.i sa Dokument C.vi, u ohrajn bhal Dokument Q sa Dokument T.I sottomessi mill-Ilmentatrici, huma superfluwi u irrelevanti u m'ghandhomx jigu kkunsidrati bhala provi dokumentarji f'dawn il-proceduri. Ghalhekk is-Socjetà Esponenti bir-rispett titlob li dawn il-provi ma jigux accettati skont Artiklu 560 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jew jekk l-Arbitru ma jilqax it-talba tas-Socjetà u jhalli li dawn il-provi jigu prodotti, umilment qieghed jigi mitlub li l-Ilmentatrici tghid bic-car l-iskop ta' dawn il-provi. Barra minn hekk, kif tiddisponi l-Ilmentatrici f'paragrafu 2.3.11, hi talbet ghal kumpens mill-iskema ta' kumpens mill-*Financial Services Compensation Scheme (FSCS)* u peress li ibbenefikat minn din l-iskema l-Ilmentatrici konsegwentament ittrasferiet kull dritt li seta' kellha dwar il-prodott *Arm Capital Growth Bond* lil *FSCS* u, ghalhekk, irrinunzjat kull pretensjoni li tilmenta jew tiddisponi fuq dan il-prodott. Ghalhekk, l-Ilment huwa mimli analizi u valutazzjonijiet irrelevanti pprovduti biss biex titfa' dawl negattiv fuq is-Socjetà Esponenti u jimmanipulaw il-fatti. Di più, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ilmentatrici tinkludi kopji tar-regoli u regolamenti, linji ta' gwida, annessi u dokumentazzjoni simili

(partikolarment, Dokumenti N.i, Nii, 0, P.i, P.ii, Q, Ri, Rii u S). Fl-Ilment, l-Ilmentatrici tinkludi analizi u valutazzjonijiet fuq il-kaz Rik 963/2015, (Dokument Z tal-Ilment) Ii giet appellata quddiem il-Qorti tal-Appell u tikkwota *verbatim* taqsimiet mis-sit elettroniku tal-Arbitru fir-Renju Unit (pagna 32 u Dokument Q tal-Ilment) minghajr rabta jew kawza ghal dan l-Ilment, purament sabiex itaqqal l-allegazzjonijiet fil-konfront tas-Socjetà Esponenti. Hekk kif l-Arbitru huwa marbut skont Artiklu 19(3) tal-Kapitlu 555 tal-Ligijiet Ii jiddeciedi ilmenti billi jiehu kont ta' "*ligijiet applikabbli u relevanti*, *regoli u regolamenti, b'mod partikolari dawk Ii jirregolaw l-imgiba ta' provditur ta' servizz, inkluz linji gwida*" huwa sottomess illi dawn il-provi huma fi ksur tal-principju generali illi provi ta' ligi mhumiex necessarji, fil-fatt huwa superfluwi u ghalhekk din id-dokumentazzjoni ghandha tigi sfilzata mir-registru ta' dawn il-proceduri. Fl-ahharnett, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, Dokument R.ii jgib data wara l-fatti Ii taw lok ghall-Ilment u, ghalhekk, u skont Artiklu 19(3) tal-Kapitlu 555 tal-Ligijiet ta' Malta ("*dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat Ii jkunu sehhew il-fatti Ii jkunu taw lok ghall-ilment*") kif ukoll il-kontenut u rakkomandazzjonijiet inkluzi gewwa fih, huma kompletament irrelevanti;

4. Illi preliminarjament, sa fejn l-Ilmentatrici hija kkoncernata, is-Socjetà Konvenuta tiddikjara illi l-Ilment huwa null u inammissibbli stante li mhuwiex wiehed sommarju (l-Ilment huwa dokument ta' 49 pagna) u ghandu '*kummenti*', '*konkluzjonijiet*', *assessments* parzjali u opinjonijiet tal-konsulenti tal-Ilmentatrici stess (*Finco*) u affarijiet ohra Ii mhumiex ammissibbli ghal dikjarazzjoni tal-fatti materjali fl-Ilment u dan ipoggi lis-Socjetà f'pozizzjoni ta' pregudizzju u impossibilità Ii tirrespingi dawk il-fatti fit-twegiba taghha. Ghalhekk, abbazi ta' dan l-Ilment, ghandu jkun ikkunsidrat bhala inammissibbli skont Artiklu 159 ta' Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-Ilmentatrici huma intempestivi ghaliex jinghad illi l-investiment Ii fuqu qieghda tilmenta l-Ilmentatrici ghadu ma immaturax izda hu imwaqqaf peress Ii l-*LM Managed Performance Fund* qieghed sospiz u taht investigazzjoni,

cirkostanzi li huma kompletament lil hinn mill-kontroll tas-Socjetà Esponenti u, ghalhekk, id-dritt jew bazi tal-azzjoni ghadha ma skattatx;

6. Illi ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, l-Ilment hekk kif hu imressaq digà gie ezaminat mill-*Consumer Complaints Manager* fi hdan l-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta *('MFSA')* liema rwol kien okkupat mis-Sur Geoffrey Bezzina li llum huwa membru tal-Bord tal-Ufficju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji. Is-Sur Geoffrey Bezzina fil-vesti ta' Kap tal-*Consumer Complaints Manager* kien digà esprima ruhu fuq il-fatti hekk kif gew imwiezna minnu (Dokument immarkat A.ii tal-Ilment) u, ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 734(1)(d) tal-Kap. 12 ta-Ligijiet ta' Malta, is-Sur Bezzina jrid jigi rikuzat jew jastjeni ruhu milli jkun memru tal-Bord tal-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanjarji;

7. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ma jistax jikkunsidra r-rimedju mitlub mill-Ilmentatrici f'paragrafu 6, pagna 45 tal-Ilment li permezz taghha l-Ilmentatrici qieghda titlob illi l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji '*simultanjament mal-pagamenti mis-Socjetà Konvenuta lill-Ilmentatrici kif jintalab f'Paragrafi 4 u 5 hawn fuq, ir-rikorrenti ghandha tittrasferixxi t-titlu legali u beneficjali fl-investiment, jigifieri l-LM Managed Performance Fund ghal valur nominali ta' €10,000, lis-Socjetà Konvenuta flimkien ma' surroga favur u a beneficcju tal-istess Socjetà Konvenuta tad-drittijiet kollha residwi li ghandu fl-istess investiment, inkluz id-drittijiet litigjuzi u sia dawk akkwistati b'operazzjoni tal-ligi, kuntratt jew kwalsiasi mod iehor*' minhabba l-fatt illi l-Arbitru ma ghandux kompetenza illi jordna rimedju bhal dan u jekk jaghmel hekk ikun qieghed jagixxi b'mod *ultra vires* ghall-funzjonijiet tieghu kif stipolati f'Artiklu 8 u l-poteri ta' tehid ta' decizjonijiet skont Artiklu 26 ta' Kapitlu 555 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjetà Esponenti tirrespingi l-allegazzjonijiet liema allegazzjoni jirreferu ghas-Socjetà Esponenti bhala wahda li hi *'ma mxietx fl-ahjar interess tal-klijent taghha kif obbligat taghmel skont ir-regim regolatorju*

*applikabbli, kif ukoll naqset mill-obbligi fiducjarji taghha fil-konfront tal-istess klijent*' u '*ma adempjietx l-obbligi taghha, inkluz dawk kontrattwali, versu l-Ilmentatrici meta l-agir ilmentat kien jikkostitwixxi negligenza grossolana, culpa lata u recklessness (sic) u ghalhekk hatja ta' investment selling (sic)*' (pagna 43 tal-Ilment) stante li obbligazzjonijiet fiducjarji jinqalghu bis-sahha tal-ligi, kuntratt, assunzjoni ta' kariga jew imgiba fejn persuna (u mhux provditur ta' servizzi finanzjarji) jezercita kontroll skont Artiklu 1124A tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad ukoll li jrid ikun hemm distinzjoni bejn obbligi regolatorji u dawk naxxenti u mehtiega mil-ligi civili. Dawn huma zewg oqsma differenti u xi allegat ksur ta' obbligu regolatorju mhux necessarjament jaghti lok jew jirrizulta fi ksur ta' obbligu naxxenti mil-ligi civili. Ghalhekk, l-allegazzjonijiet tal-Ilmentatrici fuq xi agir negligenti fil-konfront taghha mis-Socjetà Esponenti ma jistghux jigu mqajma minhabba xi allegat nuqqas tal-obbligi regolatorji.

9. Illi ukoll preliminarjament qieghed jigi wkoll dikjarat illi fil-kaz li l-Ilmentatrici tipprova tindika li s-Sur Gianfranco Stellini ("GS") huwa responsabbli personalment, meta f'pagna 14 jinghad li l-firma tal-Ilmentatrici ittiehdet mill-istess GS '*b'qerq, ngann*', GS carament u minghajr ebda ezitazzjoni jirrifjuta din l-allegazzjoni fit-total taghha. Jinghad ukoll li skont is-sezzjoni 2153 tal-Kodici Civili, m'hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali bejn GS personalment u l-Ilmentatrici. Dawn l-allegazzjonijiet huma ghal kollox fiergha imressqin malizzjozament u f'kull kaz kwalunkwe pretensjoni kontra GS hija preskritta bl-iskadenza ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fit-tieni lok, il-proveditur tas-servizzi dejjem kienet is-Socjetà Esponenti biss;

10. Illi ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suecepit, ai termini tal-Artikolu 19(3)(a), l-Arbitru ghandu '*jagixxi indipendentement u imparzjalment, u m'ghandux ikun soggett ghall-ordni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità ohra*' u, ghalhekk, kull determinazzjoni jew konkluzjoni milhuqa mill-*MFSA* jew it-Tribunal ghas-Servizzi Finanzjarji ('TSF') fil-konfront tas-Socjetà Esponenti, hekk kifipprezentati u mehmuzi mill-Ilmentatrici m'ghandhomx jigu kkunsidrati bhala provi.

Ghalhekk is-Socjetà Esponenti bir-rispett titlob li dawn il-provi, specifikament Dokumenti A.i, N.i, N.ii, O, V, u W, kif ukoll ir-riproduzzjonijiet tal-kontenut tal-istess dokumenti fl-Ilment innifsu, m'ghandhomx jigu accettati u wisq inqas ma jkun hemm konjizzjoni taghhom biex is-Socjetà tinghata smigh gust minghajr pregudizzju. Jinghad ukoll illi l-Ilmentatrici, f'paragrafu 10 tal-Ilment (pagna 34), donnha digà tbassar id-difiza tal-konvenut minghajr ma taghti lok biex is-Socjetà Esponenti taghmel is-sottomissjonijiet taghha meta tiddisponi li *'peress illi d-difiza principali tas-Socjetà konvenuta tikkostitwixxi dikjarazzjonijiet li hadet minghand ir-rikorrenti',* u dan minghajr risposta jew osservazzjonijiet min-naha tas-Socjetà Esponenti quddiem l-Onor. Arbitru. Ghalhekk, is-Socjetà titlob umilment li l-Arbitru jisfilza dak li jikkomprendi l-bicca kbira tal-Ilment fejn jigu riprodotti sottomissjonijiet tal-*MFSA* u tal-TFS, kif ukoll kull kongettura tal-Ilmentatrici fuq is-Socjetà Esponenti.

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-llment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandu jigi michud bl-ispejjez, u ghall-istess ragunijiet esposti f'din ir-risposta, u kif se jigi elaborat u muri f'aktar dettal mis-Socjetà Konvenuta waqt il-procedimenti relevanti quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe telf imgarrab mill-Ilmentatrici kien esklussivament minhabba ta' fatturi inerenti fil-qasam finanzjarju, cioè, *market risk*, riskju ta' kreditu jew riskju ta' frodi u mhux minhabba azzjonijiet jew ommissjonijiet tas-Socjetà, l-agenti jew l-impjegati taghha li dejjem agixxew skont il-ligijiet u r-regoli applikabbli fil-konfront tal-Ilmentatrici. Tant hu hekk illi l-*LM Managed Performance Fund* li fuqu l-Ilmentatrici ressqet l-Ilment, huwa suggett ghal proceduri quddiem il-Qorti Suprema ta' *Queensland* u fit-12 ta' April 2013, gew appuntati *KordaMentha Pty Ltd* u *Calibre Limited* bhala *co-trustees* tal-*LM Managed Performance Fund* biex imexxu l-amministrazzjoni;

13. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fuq il-mertu, l-Ilment huwa infondat u fih numru ta' imprecizjonijiet, fatti irrelevanti, li, bir-rispett kollu, huma intenzjonati biex jizvijaw lill-Arbitru fl-evalwazzjoni tal-fatti li jissottolineaw l-Ilment u jippruvaw joholqu dak li effettivament huwa

*fait accompli* b'rimedji kreattivi bl-ebda bazi fil-ligi. Is-Socjetà esponenti ser taghti l-verzjoni tal-fatti reali:

a. Illi s-Socjetà Esponenti taghmilha cara illi, kontra dak li tallega l-Ilmentatrici, is-Socjetà Esponenti qatt ma tat servizz ta' parir jew *advisory* lill-Ilmentatrici, izda s-servizz li nghata kien wiehed ta' *promote and sell.* Ghalhekk is-Socjetà Esponenti ma taqbel xejn li qatt ma kienet taf li s-servizz li nghata lilha kien fuq bazi ta' *promote and sell* u mhux *advisory* dan ghaliex kienet hi stess li iffirmat *File Note* intitolat ezattament u inekwikament *Promotion & Selling* (*vide File Note - Promotion and Selling* anness u mmarkat bhala 'Dok. MFSP 3'), fejn fl-istess *File Note* hemm dikjarazzjoni iffirmata mill-Ilmentatrici li *'I confirm that no investment advice was given to me'*. Ghalhekk is-Socjetà Esponenti ma taqbel assolutament xejn mal-fatti kifipprezentati f'dan l-Ilment;

b. Illi l-genituri tal-Ilmentatrici ukoll investew tramite is-Socjetà Esponenti f'diversi prodotti fosthom l-*LM Managed Performance Fund* li fuqu issa l-Ilmentatrici qieghda tressaq dan l-Ilment. Il-genituri taghha kienu dejjem kuntenti bis-servizz li nghatalhom, tant li f'inqas minn sentejn huma investew hames darbiet u hajru lit-tifla taghhom taghmel bhalhom u kienu l-istess genituri taghha dejjem akkumpanjaw lill-Ilmentatrici fil-laqghat mas-Socjetà Esponenti. B'dan l-isfond, l-Ilmentatrici kienet cara dwar liema prodott riedet tinvesti fih u mxiet mar-rakkomandazzjonijiet tal-genituri taghha li nvestew fl-istess prodott fl-istess gurnata, cioè, fil-15 ta' Ottubru 2010, tant li talbet espressament investimenti f'dak il-prodott. Kienet l-Ilmentatrici li iddecidiet fejn tinvesti flusha u timxi wara dak li ghamlu ommha u missierha, minghajr ebda provvista ta' parir u ghalhekk is-Socjetà esponenti ma taqbel assolutament xejn mal-allegazzjonijet maghmula f'dan l-Ilment;

c. Illi huwa dejjem dispjacir meta investiment jinzel fil-valur, wisq izjed meta jmur hazin bhalma gara f'dan il-kaz. Izda b'daqshekk ma jfissirx li l-intermedjarju ghandu xi htija jew b'xi mod ghandu jaghmel tajjeb ghal kwalunkwe telf (ovvjament ma jgawdix minn

zidiet fil-valur) kif qed tipprova taghmel l-Ilmentatrici b'dan l-Ilment. Dan l-agir jippresupponi garanzija fil-forma ta' dak li jissejjah *moral hazard* inkombenti fuq l-intermedjarju favur l-investitur li la ma huwa gust u lanqas ma jezisti fil-ligi. Huwa evidenti li l-Ilmentatrici li minghajr dubbju inghatat l-informazzjoni u spjegazzjoni tal-investiment qabel ma investiet u dan iddikjaratu hi stess fil-*File Note - Promotion and Selling* anness u mmarkat bhala 'Dok. MFSP 3' fejn iddikjarat *'I confirm that the features and risks on the above products have been explained to me'* fost dikjarazzjonijiet ohra (*vide Purchase Order Form* anness u mmarkat bhala 'Dok MFSP 4'). Ghalhekk li tallega li d-dikjarazzjonijiet la nqrawlha jew gew spjegati (pagna 14 tal-Ilment) huwa totalment ribattut;

d. Illi l-Ilmentatrici stess iddikjarat li l-informazzjoni li pprovdiet lis-Socjetà Esponenti huwa veru, preciz u komplut *'I confirm that I have read the Client Profile and confirm that all the information provided to MFSP Financial Management Limited by me is true, complete & accurate' (vide File Note - Promotion and Selling* anness u mmarkata bhala 'Dok MFSP 3'), u fuq dan il-bazi, jsegwi li s-Socjetà Esponenti mxiet fuq din l-istess informazzjoni biex esegwiet l-*Appropriateness Test,* obbligu regolatorju li wettqet is-Socjetà Esponenti. Ghalhekk, mhux minnu li l-Ilmentatrici, li ghandha livell t'edukazzjonji terzjarja, ma kinitx taf in-natura tal-prodott li kienet qed tinvesti fih jew fuq liema bazi;

e. L-allegazzjonijiet tal-Ilmentatrici li *'LM kien jidher bizzejjed minn barra u minn dokumenti pubblici bhala dghajjef u suspettuz'* f'pagna 28 tal-Ilment, huwa ibbazat fuq pubblikazzjonijiet mahruga **WARA** c-cirkolari tal-24 ta' Marzu 2013, mahruga minn *FTI Consulting* lill-investituri, li kienu appuntati amministraturi tal-istess kumpanija, u ghalhekk kienu maghmula bl-ghaqal miksub b'lura jew kif jghidu bl-Ingliz '*with the benefit of hindsight*' u bit-Taljan '*col senna del poi*'. Tant hu hekk illi kien proprju biss fit-12 ta' Frar 2013, illi l-kumpanija *LM Investment Management Limited* kitbet ittra lis-Socjetà Esponenti fejn qalet *'we can confirm that*

*your investment remains at I00% of its original capital value and you continue to accrue interest at the current rate of return up until the point of redemption'* (hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. MFSP 5');

14. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, l-Ilmentatrici tibbaza l-Ilment fuq l-idonjetà taghha biex tissottoskrivi ghall-investiment mertu ta' dan il-kaz. Is-Socjetà Esponenti ma taqbilx ma' dan il-fatt ghaliex fil-fatt kien idoneju tant li hija accettat diversi dikjarazzjonijiet f'dan is-sens u mhuwiex ragonevoli illi wara l-fatt u wara sitt snin minn dawn id-dikjarazzjonijiet abbazi l-informazzjoni pprovduta mill-Ilmentatrici stess, tressaq Ilment. L-Ilmentatrici taghmel enfasi sinjifikanti fuq il-kategorizzazzjoni tal-imsemmija investimenti bhala *complex products* skont *MiFID*, dan bl-intenzjoni li thawwad il-prodotti, u li tasal ghall-konkluzjoni li *complex products* ma jistghu taht ebda cirkostanza ikunu addattati ghar-*Retail Clients*. Dan mhuwiex minnu. Id-distinzjoni bejn prodotti ta' investimenti tat-tipi *non-complex* u *complex* hija relevanti biex tara jekk hemmx bzonn ta' ezekuzzjoni ta' *appropriateness test*, li ghal dan il-prodott in kwistjoni, l-*appropriateness test* fil-fatt twettaq fil-konfront tal-Ilmentatrici skont l-obbligi regolatorji (*vide* 'Dok MFSP 2'). Ghalhekk mhuwiex gust li jintuza l-argument *non-complex/complex* f'dan il-kaz kif ser jigi elaborat u muri f'dawn il-procedimenti u ghal daqshekk huwa sottomess li kienu adatti ghall-ghan tal-investiment taghha.

15. Illi kontra dak li tilmenta fuqu l-Ilmentatrici, huwa sottomess li fl-2010, meta investiet fl-*LM Managed Performance Fund*, ma kienx hemm obbligi regulatorji biex tipprovdi jew jedd biex takkwista kopji ta' dokumenti interni bhal *File Note* (*vide* 'Dok MFSP 3') u *Client Profile* (*vide* 'Dok MFSP 2') jew wisq anqas biex dan ikun iffirmat ukoll mill-klijent. L-iskop tal-*Client Profile* huwa biex tigbor l-informazzjoni migbura mid-detentur tal-licenzja ikkoncernat u biex ikunu ta' referenza ghal informazzjoni uzata bhala bazi ghall-*appropriateness assessment* fuq id-detentur tal-licenzja. Tajjeb li wiehed jinnota ukoll li m'hemmx obbligu jew jedd taht legizlazzjoni tal-Protezzjoni u Privatezza tad-Data biex takkwista kopji ta' dokumenti, wisq anqas kopji tal-*Client Profile*.

16. Is-Socjetà Esponenti qatt ma naqset mill-obbligazzjonijiet taghha fil-konfront tal-Ilmentatrici anzi dejjem imxiet skont dak mistenni mir-regolatur kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' din il-kawza.
17. Illi fl-ahharnett jinghad illi s-Socjetà Esponenti ma thossx illi ghandha tintlaqa' t-talbiet ghall-ghoti ta' rimedji kif mitluba fl-Ilment kif imressaq mill-Ilmentatrici peress illi l-Ilment mhuwiex gustifikat.
18. Salv eccezzjonijet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkunsidra:**

**Eccezzjonijiet preliminari:**

Fl-ewwel eccezzjoni l-provditur tas-servizz jghid li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni biex jisma' dan il-kaz ghaliex kienet giet intavolata ittra ufficjali l-Qorti u jinvoka l-Artikolu 21(2)(a) tal-KAP. 555 bhala raguni ghal dan. Li kieku l-provditur tas-servizz qara sew dan l-artikolu, u anke l-kwotazzjoni li ghamel minnu fir-risposta, kien jinduna li dan l-artikolu kien qed jirreferi ghal meta xi hadd jiftah kawza l-Qorti u mhux meta jipprezenta semplici ittra ufficjali kif ammess minnu stess. Din hija eccezzjoni frivola u vessatorja u qed tigi michuda.

Dwar preskrizzjoni il-provditur tas-servizz jghid li l-azzjoni hija preskritta ghaliex '*huwa preskritt minn perjodu ta' hames snin minn mindu r-relazzjoni kuntrattwali bejn is-Socjetà u l-ilmentatrici kien konkluz fil-17 ta' Lulju 2009'*.

L-Arbitru jinnota li din l-eccezzjoni inghatat bl-aktar mod legger possibbli, tant li l-provditur tas-servizz lanqas biss jindika l-Artikolu tal-Ligi li fuqu

qed isejjes din l-eccezzjoni. F'dan ir-rigward, l-Arbitru jaghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti fis-sentenza **Paola Galea et vs John Cauchi et:**[4]

*"Illi f'dan il-kuntest jinghad li huwa principju llum stabbilit li jekk l-eccipjent ma jispecifikax liema preskrizzjoni qed jinvoka l-Qorti ma tistax tikkonsidraha u dan ghaliex altrimenti l-Qorti tkun qed tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva (A.C. R. Cali vs Perit Galea - 11 ta' Mejju, 1956 - Vol.XL p.1 p.166); Air Malta plc vs Via Holidays and Travel Limited (P.A. (GV) – 29 ta' Jannar 2002) tant li fis-sentenza fl-ismijiet **Henry P.Cole vs Salvatore sive Sammy Murgo** (P.A. - 10 ta Lulju 2003) gie deciz:-*

*"L-imsemmija l-ewwel eccezzjoni, rigwardanti l-preskrizzjoni, ma tista' qatt tigi akkolta, peress li l-konvenut naqas li jindika l-artikolu tal-ligi li fuqu huwa qed jibbaza din l-istess eccezzjoni tieghu."*

*"Illi tal-istess portata hija s-sentenza Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd (P.A. – 3 ta' Ottubru 2003) fis-sens li:- 'Kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni huwa principju assodat fil-gurisprudenza illi l-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata f'forma specifika'. Ara decizjonijiet a Vol.XXXIII P1 p.481 u Vol. XLI P1 p.178. Effettivament is-socjetà konvenuta ma specifikat l-ebda artikolu tal-ligi li jghodd ghal kaz, kif hekk irid l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili".*

Fir-risposta l-provditur tas-servizz ma jindika l-ebda artikolu tal-ligi u jittanta jaghmel dan fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu.

Però, skont l-Artikolu 19(3)(e)(proviso) il-provditur tas-servizz *'jista' jqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni biss fl-ewwel sottomissjonijiet bil-miktub li huwa provdut dwarhom fl-artikolu 25(3)(b) sakemm ma jkunx awtorizzat mod iehor mill-Arbitru li ghandu jaghti r-ragunijiet ghal dik l-awtorizzazzjoni'*, li jfisser li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid issir fir-risposta u, ovvjament, trid issir b'mod korrett billi jigu indikati l-artikoli tal-ligi relevanti.

[4] PA 26.03.2010

Apparti dan, anke fin-nota ta' osservazzjonijiet, il-provditur tas-servizz daqqa jghid li l-azzjoni hija preskritta a bazi tal-preskrizzjoni akkwiljana u daqqa jghid li hija l-preskrizzjoni kuntrattwali.

Imma l-aktar haga li tistona huwa l-fatt li l-provditur l-ewwel jghid li l-azzjoni hija preskritta, imbaghad, fl-eccezzjoni numru 5, jghid li l-ilment huwa intempestiv. Jew haga jew ohra. Dawn l-eccezzjonijiet huma kontradittorji u, ghalhekk, ghal dan biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi michuda.

Imma biex jitnehha kwalunkwe ekwivoku, l-Arbitru dejjem sostna li l-preskrizzjoni applikabbli bhal dan il-kaz hija dik ta' hames snin ghaliex ikun inbiegh prodott u jirrizulta kjarament mill-atti tal-kaz li t-tranzazzjoni hija wahda kuntrattwali. Jitqies li l-ilmentatrici setghet taghmel l-azzjoni skont l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili mhux minn meta sar il-kuntratt tal-bejgh imma minn meta verament oggettivament setghet taghmel l-azzjoni u, cioè, minn meta kkristallizzaw il-fatti li ragonevolment iwasslu ghal tehid ta' azzjoni legali.

Dan setghet biss taghmlu mill-2013, meta l-provditur tas-servizz infurmaha li l-investiment taghha kien falla. Minn dik id-data m'ghaddewx il-hames snin skont l-Artikolu 2156(f) ghaliex hija nterrompiet il-preskrizzjoni permezz tal-protest gudizzjarju tas-6 ta' Jannar 2015, u dan l-ilment gie pprezentat fid-19 ta' Dicembru 2016, u wkoll minn din id-data m'ghaddewx il-hames snin.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

It-tielet eccezzjoni hija wahda frivola ghaliex ir-relevanza ta' atti u dokumenti ipprezentati hija haga li jaraha l-Arbitru, li biex ikun zgur li qed jaghti smigh xieraq lill-partijiet, qatt ma sfilza dokumenti però, jekk jigu pprezentati dokumenti irrelevanti l-Arbitru ma jikkonsidrahomx u jqis biss dak li hu mehtieg ghall-kaz. B'dan il-mod ikun qed jaghti l-akbar wisa' biex isir smigh xieraq u, peress li jqis biss dawk id-dokumenti relevanti, il-process ikun ekonomiku u mhaffef, imma fuq kollox gust.

F'dan il-kuntest l-Arbitru jappella lill-partijiet sabiex ma jipprezentawx dokumenti li m'hemmx il-htiega taghhom u jkunu koncizi fil-prezentata tal-ilment u tar-risposta, u anke li ma jinghatawx eccezzjonijiet preliminari zejda li, f'xi kazi, jkunu frivoli u vessatorji. Din l-eccezzjoni qed tigi michuda ghaliex m'ghandhiex bazi legali u ma kienx hemm il-htiega taghha.

L-istess jinghad ghar-raba eccezzjoni. Il-Qrati taghna dejjem qiesu b'kawtela n-nullità tal-atti anke f'atti li l-ligi imponiet fuqhom certa formalità u dan anke qabel ma saru l-emendi estensivi fil-Kodici tal-Procedura Civili li naqqsu l-formalitajiet fl-1995. Ahseb u ara fil-proceduri odjerni fejn lanqas l-istess decizjoni tal-Arbitru ma tista' tigi annullata fuq formalità sakemm ikun hemm osservanza sostantiva mal-ligi.

Dawn il-proceduri huma informali ghall-ahhar u, fl-essenza taghhom, huma proceduri quddiem Tribunal *ADR (Alternative Dispute Resolution*) li l-ghan ewlieni tieghu huwa li joffri **soluzzjoni alternattiva ghall-qrati** skont normi godda addottati minn entitajiet *ADR* bl-aktar mod informali. Sfortunatament, jidher li ghadu kmieni wisq biex din il-kultura legali taqbad.

Jidher car ukoll li bil-mod kif sar l-ilment, il-provditur tas-servizz ma sofra l-ebda dannu u kellu l-opportunità mhux biss li jaghmel risposta estensiva izda wkoll nota ta' osservazzjonijiet li fl-ebda wahda minnhom ma kien '*sommarju'*, kif qed jghid ghall-ilmentatrici. Il-ligi imkien ma tghid li l-kaz ghandu jkun *'sommarju'*, però, sabiex il-process ikun kif tghid il-ligi ekonomiku u mhaffef, l-Arbitru digà ha passi sabiex kemm l-ilment kif ukoll ir-risposta u n-noti ta' osservazzjonijiet ikunu qosra biex ma jinheliex zmien ghalxejn u l-Arbitru jkun jista' jimxi b'aktar heffa kif trid il-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Il-hames eccezzjoni hija wahda kontradittorja ghaliex hija f'konflitt mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif digà inghad. Jew l-azzjoni hija preskritta, jew l-azzjoni hija intempestiva.

Però, tajjeb jinghad l-ilment huwa bazikament wiehed ta' *misselling* ta' prodott u, ghalhekk, is-sustanza tal-kaz iddur ma' kif inbiegh il-prodott u jekk kienx addattat ghac-cirkostanzi u kienx konsonanti mal-profil tar-riskju tal-ilmentatrici. Il-*performance* tal-prodott, ghalkemm tista' tkun importanti biex wiehed jara fit-totalità taghha t-tranzazzjoni, m'hijiex determinanti biex jigi deciz jekk sarx '*misselling*' jew le ghaliex prodott jista' jkun gie '*missold'* u ma falliex, u jista' jkun inbiegh tajjeb u jfalli.

Però din l-azzjoni ma tistax titqies intempestiva wkoll ghaliex l-ilmentatrici investiet il-flus fit-18 ta' Novembru 2010, ghal perjodu ta' sentejn u meta

għalqu fit-18 ta' Novembru 2012, ma ħaditx flusha lura u l-provditur tas-servizz kien baqa' jserħilha rasha li ma kienx hemm problemi sal-2013, meta saret taf li l-fond kien formalment tpoġġa f'likwidazzjoni.[5]

Huwa fatt pubblikament magħruf li f'Settembru 2013, it-*Trustees* tal-Fond kienu ħabbru li '*at this time we expect any return to unit holders to be less than five cents in a dollar'.* Mill-verifiki li għamel l-Arbitru din il-pożizzjoni għadha ma nbidlitx u, għalhekk, l-ilmentatriċi mhix mistennija tirkupra l-investiment li għamlet. Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz ma ġab l-ebda prova konkreta bil-kuntrarju.

Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Is-sitt eċċezzjoni hija legalment skorretta għaliex iċ-*Chairman* tal-Bord Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Arbitru m'għandu l-ebda rwol biex jiddeċiedi l-ilmenti iżda li jmexxi bord ta' amministrazzjoni biex jgħin lill-Arbitru f'affarijiet purament amministrattivi u loġistiċi. Fil-fatt, fl-Artikoli 3 u 8 tal-KAP. 555 tal-Liġijiet ta' Malta hemm ċar u tond li l-funzjonijiet tal-Bord huma purament amministrattivi.

L-Artikolu 8(4) jagħmilha ċara li: '*M'għandhiex tkun il-funzjoni tal-Bord li jintervjeni bl-ebda mod fuq kif l-Arbitru jittratta l-merti ta ilment partikolari.'*

Barra minn hekk, rikuża tista' ssir biss fil-konfront tal-Arbitru għall-istess raġunijiet li tintalab rikuża ta' Imħallef tal-Qrati Superjuri u ma tistax tintalab l-ebda rikuża ta' membru tal-Bord Amministrattiv għaliex dawn imkien ma jiffiguraw fil-proċess tad-deċiżjoni.

Din l-eċċezzjoni hija legalment insostenibbli u frivola u vessatorja.

Dwar is-seba' eċċezzjoni l-Arbitru mhux prekluż minn dak li qed jgħid il-provditur tas-servizz u jista' jagħti kwalunkwe deċiżjoni a bażi ta' dak li hu ekwu, ġust u raġonevoli, fosthom, ordnijiet u anke l-għoti ta' kumpens.

Għalhekk din l-eċċezzjoni hija insostenibbli.

[5] A fol. 79 Affidavit tal-ilmentatriċi

It-tmien eccezzjoni ser tigi ittrattata fil-mertu u d-disa' eccezzjoni hija inutli ghaliex l-ilment huwa fil-konfront tal-*MFSP Financial Management Ltd*. u kontra hadd aktar.

Dwar l-ghaxar eccezzjoni qed tigi michuda ghall-istess ragunijiet li inghataw fl-eccezzjoni numru 3.

**Fil-Mertu**

Fil-qosor, l-ilmentatrici qed tghid li fit-18 ta' Novembru 2010, sar investiment ta' €10,000 fl-*LM Managed Performance Fund ('LMMPF')*, fond mibjugh lill-ilmentatrici fuq bazi ta' "*promote and sell*" minn wiehed mid-diretturi dak iz-zmien tal-provditur tas-servizz wara laqgha li l-ilmentatrici kellha mal-provditur tas-servizz fil-15 ta' Ottubru 2010. Dan l-investiment sar ghal perjodu fiss ta' sentejn.

L-investiment fl-*LMMPF* kien it-tieni investiment li l-ilmentatrici ghamlet mal-provditur tas-servizz wara investiment fl-*ARM Capital Growth Bond - EUR 7YR* ('ARM') li sar fis-sena ta' qabel, fil-31 ta' Lulju 2009, fejn l-ilmentatrici investiet is-somma separata ta' €10,000 f'dan il-prodott.

Wara li immatura l-investiment fl-LMMPF, fit-18 ta' Novembru 2012, l-Imentatrici ma rcevietx lura s-somma investita ta' €10,000, u kienet infurmata li kien hemm xi dewmien bil-pagamenti, sakemm f'Marzu 2013, giet infurmata li l-fond kien tpogga f'*voluntary administration* u, sussegwement, f'likwidazzjoni fis-snin ta' wara. Hekk kif gie deskritt f'pagna 17 fid-dokument tal-Ilment mibghut lill-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji, t-*trustess* tal-fond habbru f'Settembru 2013, li anqas minn "*five cents in a dollar*" qabel l-ispejjez, huma mistennija li jigu rkuprati ghall-investituri f'dan il-fond. L-ilment, ghalhekk, jirrigwarda t-telf ta' kapital ta' €10,000 investit fl-*LMMPF* u d-dhul minnu.

Il-provditur tas-servizz jichad dan u jghid li huwa qeda dmiru kif suppost u li ma kien sehh l-ebda *misselling* tal-prodott.

Il-provditur tas-servizz min-naha tieghu sahaq li meta ghamlet l-investimenti taghha fl-*ARM* u *LMMPF,* l-ilmentatrici dejjem kienet akkumpanjata mill-genituri taghha li kellhom esperjenza fl-investimenti u fejn hi investiet fuq il-parir taghhom. Gie mishuq ukoll li l-flus investiti mill-ilmentatrici kienu pprovduti mill-genituri taghha li kienu familjari mal-*LMMPF* fejn l-ilmentatrici indikat li fehemet il-karatteristici tal-prodott li kien maghzul u ffinanzjat mill-genituri taghha.

Il-provditur tas-servizz issottometta, fosthom, li t-telf fuq l-investiment kien kawza ta' cirkostanzi u avvenimenti ta' terzi u mhux minhabba l-azzjonijiet jew ommissjonijiet tieghu stess.

Ukoll, li l-genituri tal-ilmentatrici, li kienu nvestew hames darbiet f'sentejn mal-provditur tas-servizz, hajru lill-ilmentatrici (li tigi t-tifla taghhom) u rrakkomandaw huma li tinvesti fl-istess prodott li huma ghamlu wkoll fl-istess gurnata.

L-ilmentatrici talbet espressament biex tinvesti fil-prodott in kwistjoni u kienet hi li hadet id-decizjoni fejn tinvesti flusha. Gie emfasizzat li s-servizz li inghatalha kien wiehed biss ta' *promotion and selling* u mhux *investment advice*. Sottomissjonijiet ohra jinkludu li l-ilmentatrici iffirmat hija stess diversi dikjarazzjonijiet, fosthom, dwar in-natura ta' servizz li inghatalha u l-ispjegazzjoni tal-prodott, riskji u esperjenza.

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan il-kaz b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkustanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[6]

## Analizi tal-prodott

L-*LMMPF* huwa fond stabbilit fl-2001, li kien operat minn *Manager* regolat l-Awstralja izda l-fond ma kienx regolat. Il-fond huwa sospiz, u fi Frar 2014,[7] hargu ordnijiet biex il-fond jigi likwidat.

[6] KAP 555, Art 19(3)(b)

[7] http://www.asic.gov.au/about-asic/media-centre/key-matters/lm-investment-management-limited/

Il-fond seta' jinvesti f'self kummercjali[8] ghal xiri jew zviluppar ta' proprjetà fis-settur immobbiljari Awstraljan, direttament go proprjetà immobbli u flus kontanti, fost ohrajn. L-assi tal-*fund* kienu fl-Awstralja stess.[9] Il-*Manager* tal-fond kellu *mandate* ta' investiment wiesa' u bla ebda restrizzjonijiet, u seta' jiehu pozizzjonijiet jew jaghmel tranzazzjonijiet ma' partijiet relatati.

Sa dakinhar tal-investiment, l-*LMMPF* kien hareg diversi dokumenti u *updates* dwar l-andament tal-fond li kienu juru li dan il-prodott kien digà ghandu certi problemi ta' likwidità.

It-taqsima li titkellem dwar ir-riskju fl-*Information Memorandum* tal-*LMMPF* tghid, fost affarijiet ohra, **li investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti m'ghandux jinvesti fil-fond**. Hemm imsemmi wkoll ir-riskju li l-*Manager* jista' jippartecipa f'investimenti inqas konvenzjonali jekk tinqala' l-opportunità kif ukoll riskji ohra bhal li l-kapital mhux garantit, fuq il-varjazzjoni tal-valur kif ukoll riskji assocjati mas-suq ta' proprjetà immobbli u self mahrug mill-fond.

Fir-rigward ta' min seta' jinvesti fil-fond, pagna 4 tas-*Summary Flyer* tal-*LMMPF* datata Settembru 2010, tghid hekk:

***"Non-Australian resident investors and Australian resident investors can invest directly as personal investors. Australian resident investors must be 'wholesale' or 'sophisticated' investors."***

L-*Information Memorandum* ta' dan il-fond jamplifika dak li jghid is-*Summary Flyer*. Kemm investituri fl-Awstralja kif ukoll investituri minn barra l-Awstralja setghu jinvestu fil-fond. Però, bhala kategorija ta' investituri, l-investituri fl-Awstralja kellhom ikunu "*wholesale"* jew "*sophisticated*". Din il-klassifikazzjoni ma tidhirx li kienet obbligatorja ghall-investituri li gejjin minn barra l-Awstralja peress li l-*Information Memorandum* jaghmel referenza specifika ghal "*wholesale"* u *"sophisticated investors"* f'kaz ta' "*Australian resident investors*"

[8] Fuq is-self kummercjali tal-fond, li kien jikkostitwixxi l-maggoranza assoluta tal-investimenti tal-fond, hemm miktub li s-self kummercjali jinkludi firxa ta' "*secured commercial loans"* li huma disponibbli ghas-settur kummercjali ta' proprjetà u zvilupp Awstraljan. Jinkludi dikjarazzjoni wkoll li l-portafoll ta' self jinkludi "*mortgages, including second ranking mortgages over commercial, residential, retail, industrial and vacant land".*

[9] **Kemm fl-*Information Memorandum* tas-sena 2009 u dak tas-sena 2011, tinghata indikazzjoni tal-kompozizzjoni tal-assi tal-fond. Ftit aktar minn 90% tal-assi tal-fond kien f'self kummercjali. L-akbar *loan* kienet tikkostitwixxi ftit aktar minn 40% tal-fond.**

biss. Dan il-punt huwa msahhah izjed meta wiehed jikkonsidra l-i*statement* maghmul f'dan ir-rigward fis-*Summary Flyer*.

Sa mis-sena 2009, dan il-prodott beda jkollu l-inkwiet. Tant, li fil-verzjoni tal-*Information Memorandum* ta' Novembru 2009, taht it-Taqsima "*Withdrawal Notice Period"* (pg. 11) jintqal kif gej: ***"To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager."***

Fil-*Portfolio Update* tal-31 ta' Lulju 2010, **ftit xhur qabel ma nbiegh l-investiment fl-*LMMPF*** lill-ilmentatrici, kien hemm aggornament fir-rigward tal-andament tal-portafoll tal-assi tal-fond, kif ukoll anke fil-*withdrawal timeframes*.

F'dan l-*update* hemm paragrafu taht it-titlu "*Updated Withdrawal Information*". Hawnhekk, l-investitur qed jigi infurmat li jista' jaghti l-kaz li minn zmien ghal zmien, jista' jkun necessarju li jigu estizi t-*timeframes* ghal hrug ta' pagamenti ghal gbid jew sospensjoni ta' pagamenti ghal gbid.

a. Dan il-mekkanizmu jidhol fis-sehh *"...to realise cash from the fund's property related assets, which by their nature are not immediately liquid ...*". Il-paragrafu jkompli hekk: "*The need to implement this measure to protect the fund <u>arose for the first time last year</u>, as per the Information Memorandum. <u>Timeframes for withdrawal payments are currently slower than general, due to market conditions brought on by the global financial crisis. Liquidity conditions are improving in the market place and payment timeframes will return to normal as soon as possible</u>."*

b. Dan id-dettal (jigifieri li l-fond jista' jissospendi il-hlasijiet) kien digà jissemma fl-*Information Memorandum* datat **<u>25 ta' Novembru 2009.</u>**[10]

c. Taht it-taqsima *Fund Assets*, jinghata taghrif dwar l-andament tal-assi tal-fond. Jintqal li tliet *commercial loans* mill-portafoll tal-assi tal-fond gew klassifikati bhala *in default*. Dawn jirrapprezentaw madwar 16% tal-assi tal-fond izda kien hemm referenza li huwa mistenni li jsir irkupru shih ta' dan id-dejn.

---

[10] (https://promo-manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf)

Wiehed irid dejjem joqghod attent meta jiddiskuti u janalizza prodott wara li jkun falla. Dan ghaliex huwa facli li tghid l-affarijiet *with the benefit of hindsight*.

L-*LMMPF* izda kien fond ta' proprjetà fejn kien juza strutturi ta' *loans*. Anke jekk wiehed, ghal mument, jinsa fejn kien intenzjonat jinvesti dan il-fond (fl-Awstralja) u l-istruttura legali ta' kif twaqqaf (fond mhux registrat fl-Awstralja), hemm l-aspett li dan il-fond kien wiehed partikolari fil-forma ta' *property loan fund***.** L-assi tal-*LMMPF* kienu mqassmin hekk f'Lulju 2010: 90.64% f'self kummercjali, 2.32% direttament fi proprjetà u 7.04% f'kontanti.

**Hemm diversi riskji li generalment huma assocjati ma' fondi bhal dawn. Anke jekk wiehed ma joqghodx jidhol fid-dettal tar-riskji kollha assocjati ma' dawn it-tipi ta' fondi, ir-riskju ta' likwidità u potenzjal ta' *default* fuq is-self huma aspetti prevalenti hafna**.

Aspetti bhal dawn kellhom jinghataw certu prijorità u kunsiderazzjoni ragonevoli fl-assessjar tal-prodott mill-provditur tas-servizz fejn wiehed jistenna li l-provditur tas-servizz jidhol f'certu approfondiment inkluz tal-fatturi msemmija fl-assessjar tal-prodott biex ikun jista' jaghmel analizi ahjar u kompluta fuq il-prodott li ha jbiegh lill-investitur.

Il-fatt li fir-rigward ghall-investituri Awstraljani kien hemm obbligi u certifikazzjoni ta' eligibilità oneruza huwa ukoll minnu innifsu indikazzjoni li dan kien fond partikolari, meta wiehed ukoll jikkonsidra li dan kien fond ibbazat l-Awstralja, immanigjat minn entità bbazata fl-Awstralja u li ma kienx regolat mill-Awtorità Finanzjarja tal-Awstralja, l-*ASIC*.

Fir-rigward ta' investituri Awstraljani, il-kriterji ta' eligibilità oneruzi li gew applikati kienu, tista' tghid mizura ta' protezzjoni ghall-investituri Awstraljani (li tidher li tohrog mill-qafas legali Awstraljan innifsu), fejn mhux kull tip ta' investitur seta' jinvesti, izda dawk biss li kienu jissodisfaw dawk il-kriterji oneruzi. Kriterji, li skont l-*Information Memorandum* u *s-Summary Flyer* imsemmija hawn fuq, ma kienux rikjesti fir-rigward ta' investituri barra l-Awstralja fejn il-fond sar prattikament accessibbli ghal firxa hafna izjed wiesgha ta' investituri.

**Dan kellu jghabbi b'aktar responsabbiltà lill-provdituri tas-servizzi lokali li huma mistennija li mhux biss joqghodu fuq accertazzjonijiet ta' min kellu interess li jbiegh il-prodott barra l-Awstralja.**

Il-fond kien wiehed u mhux maqsum fi tnejn, parti ghall-investituri Awstraljani, u iehor ghall-investituri barra l-Awstralja. **L-istess fond kien offrut lil kulhadd** izda b'distinzjonijiet differenti ta' min hu eligibbli li jinvesti skont jekk l-investituri humiex Awstraljani jew le.

Mela jekk ghall-investituri Awstraljani l-obbligi kienu oneruzi, wiehed ragonevolment jistenna li l-provditur tas-servizz lokali kellu jiehu dan il-fattur partikolari izjed in konsiderazzjoni. Fl-analizi tieghu dwar il-prodott u lil min kellu joffrih, huwa ikkunsidrat li kellu jzomm quddiem ghajnejh il-kriterji ta' eligibilità gholja ghall-investituri gewwa l-Awstralja, biex investitur barra l-Awstralja jigi ittrattat kemm jista' jkun b'mod ekwu u offrut l-istess, jew livell simili, ta' protezzjoni applikat fir-rigward tal-investituri Awstraljani.

Dan il-prodott huwa meqjus bhala prodott kumpless. L-*LMMPF* huwa tat-tip *non-UCITS.* Skont ir-regoli tal-*MiFID*, (kif anki riflessi fir-Regoli mahruga mill-*MFSA, PART B* tal-*Investment Services Rules for Investment Services Providers),*[11] biex prodott jigi kkunsidrat bhala mhux ta' natura kumplessa kellu jilhaq erba' principji f'daqqa, kriterju li mhux milhuq mill-prodott in kwistjoni. Il-prodott kellu riskji diversi li jaghmluh prodott ta' riskju gholi kif digà spjegat aktar 'il fuq.

Fuq kollox, mill-*updates* li kienu digà hargu, kemm fl-2009 kif ukoll fl-2010, kien jidher car li *LMMPF* kellu problemi serji, u li kieku saret *due diligence* adekwata mill-provditur tas-servizz, kellu ragonevolment jirrizulta li ma kellux ibiegh dan il-prodott lill-investituri *retail* kif kienet l-ilmentatrici bil-profil u c-cirkostanzi partikolari taghha.

[11] Li kienu japplikaw meta nbiegh il-prodott in kwistjoni.

**Osservazzjonijiet finali u Konkluzjonijiet**

Aspett krucjali ta' dan l-ilment huwa jekk il-prodott, l-*LMMPF*, li gie "*promoted and sold*" mill-provditur tas-servizz kienx xieraq u addattat ghall-ilmentatrici a bazi tal-*Appropriateness Test* rikjest mill-*Investment Services Rules for Investment Services Providers* ('ir-Regoli') mahruga mill-*MFSA* u applikabbli ghall-provditur tas-servizz.

Dan it-*test* jitlob li l-provditur tas-servizz ghandu, fosthom, **jiddetermina jekk il-klijent ghandux l-esperjenza u l-gharfien necessarju biex jifhem ir-riskji involuti fir-rigward tal-prodott u s-servizz offrut.**[12]

Il-provditur tas-servizz jaghmel hafna emfasi li l-ilmentatrici kienet mal-genituri taghha u jaghfas fuq l-aspett ta' esperjenza li l-genituri tal-ilmentatrici allegatament kellhom.

Però, din l-asserzjoni hija kemmxejn kontradittorja ghax, fuq naha wahda l-provditur tas-servizz jemfasizza li "*kienet l-ilmentatrici li iddecidiet fejn tinvesti flusha*", u fl-istess nifs jaghti certu importanza ghall-esperjenza u l-prezenza tal-genituri taghha waqt il-laqghat u li hi riedet taghmel bhalhom.

Fi kwalunkwe kaz, l-emfasi min-naha tal-provditur tas-servizz fuq il-genituri mhix ikkunsidrata li hija relevanti jew bazi tajba ghall-iskop tal-*Appropriateness Test* li kellu jsir fuq l-ilmentatrici. Huwa car, hekk kif johrog mid-dokumentazzjoni kollha pprovduta, li l-ilmentatrici kienet il-klijent uniku tal-provditur tas-servizz fir-rigward tal-investiment in kwistjoni. L-akkwist tal-prodott sar mill-ilmentatrici stess u f'isimha biss u l-genituri taghha m'humiex parti mill-kuntratt ta' akkwist tal-investiment.

Id-dokumenti kollha relatati max-xiri tal-prodott, fil-fatt, jghajtu biss lill-ilmentatrici. Dan johrog car mid-dokumenti bhall-*Client Profile Appropriateness*

[12] Regola 2.21 '*When assessing whether an Investment Service, other than investment advice or portfolio management, is appropriate for a client, the Licence Holder shall be required to determine whether that client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in relation to the product or Investment Service offered or demanded*'.

*Testing Form,* l-*Experienced Investor Declaration Form,* il-*File Note - Promotion & Selling,* il-*Purchase Order Form,* u l-*Purchase Contract Note* li kollha jirreferu biss ghal ilmentatrici bhala l-klijenta tal-provditur tas-servizz ghal-investiment in kwistjoni.

Ghalhekk, l-*Appropriateness Test* kellu jkun maghmul fuq ic-cirkostanzi specifici u l-profil tal-ilmentatrici biss.

Minkejja li fil-*Client Profile Appropriateness Testing Form*[13] datat 17 ta' Lulju 2009, maghmula mill-provditur tas-servizz, gie indikat li l-ilmentatrici kellha esperjenza ta' investiment f'*bonds* fuq il-Borza ta' Malta, fejn gie indikat fid-dokument li saru bejn wiehed sa hames tranzazzjonijiet annwali bil-valur ta' bejn Eur0-10,000, din l-informazzjoni ma taqbilx ma' dak li qalet l-ilmentatrici, li, fil-fatt, cahdet li kellha dawn l-investimenti.

Il-verzjoni tal-ilmentatrici f'dan ir-rigward hija izjed kredibbli meta wiehed anke jqis ic-cirkostanzi u l-età zghira taghha, apparti l-inkonsistenzi fid-dokumenti ippreparati mill-provditur tas-servizz imsemmija izjed 'il quddiem f'din id-decizjoni.

Fi kwalunkwe kaz, lanqas li kieku kien minnu li l-ilmentatrici kellha dan it-tip ta' investimenti f'*bonds*, dawn it-tip ta' investimenti ma jistghux jigu ikkunsidrati li huma sufficjenti biex jitqies li l-ilmentatrici ghandha l-esperjenza necessarja.

Dan peress li n-natura tal-prodott u fejn kien jinvesti l-*LMMPF,* (hekk kif imsemmi fl-analizi tal-prodott aktar 'il fuq) kien wiehed partikolari u sostanzjalment differenti minn *bonds*. L-investiment, li kien sar biss is-sena ta' qabel fl-*ARM*, lanqas ma huwa meqjus li jaghmel lill-ilmentatrici bhala wahda b'esperjenza necessarja ghall-iskop ta' investiment fl-*LMMPF,* fosthom, minhabba li n-natura u t-tip ta' investiment huma wkoll differenti.

Ukoll, m'hemmx indikat fil-*Client Profile Appropriateness Testing Form* jew xi dokumenti u informazzjoni ohra pprovduti mill-provditur tas-servizz, li taghti b'xi mod komfort jew tikkorrabora certu dikjarazzjonijiet riflessi fl-*Experienced Investor Declaration* datata 15 ta' Ottubru 2010, li intuzat mill-provditur tas-servizz stess bhala parti mill-*Appropriateness Test*.

[13] A fol. 59

Id-dikjarazzjoni li ghamel il-provditur tas-servizz li *"I have satisfied myself that the investor has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved"* fl-*Experienced Investor Declaration*, ma giet bl-ebda mod issostanzjata fir-rigward tal-ilmentatrici.

Anzi, l-provditur tas-servizz kien pjuttost fil-pozizzjoni u kellu jkun konxju li certu dikjarazzjonijiet maghmula fl-*Experienced Investor Declaration* ma kienux minnhom u lanqas jirriflettu s-sitwazzjoni tal-ilmentatrici.

B'mod partikolari hemm id-dikjarazzjoni li l-ilmentatrici *"has reasonable experience in the acquisition and/or disposal of funds of a similar nature or risk profile, or property of the same kind as the property, or a substantial part of the property, to which the Professional Investor Fund in question relates"*, kif ukoll li l-ilmentatrici *"has carried out investment transactions in significant size at a certain frequency (for example a person who within the past two years carried out transactions amounting to at least Eur50,000 at an average frequency of 3 per quarter)."*[14]

Dawn id-dikjarazzjonijiet li saru fil-formola msemmija ma kienux jirriflettu u kompattibli mal-informazzjoni riflessa fil-*Client Profile Appropriateness Testing Form* tal-provditur tas-servizz stess, peress li m'hemm l-ebda informazzjoni f'dan id-dokument jew informazzjoni ohra pprovduta mill-provditur tas-servizz li b'xi mod jirriflettu dawn it-tip ta' dikjarazzjonijiet.

Dan apparti l-fatt li l-*Experienced Investor Declaration* maghmula mill-provditur tas-servizz, minnha innifisha m'hijiex formola adekwata u sufficjenti biex tipprovdi komfort fuq l-esperjenza u l-eligibilità ta' investitur ghat tip ta' prodott bhal-*LMMPF,* **peress li din il-formola hija ibbazata fuq ir-regim ta' Fondi Ghal Investituri Professjonali (*PIFs*) mahrug mill-*MFSA*, regim li huwa applikabbli biss ghal fondi professjonali regolati f'Malta, meta l-*LMMPF* kien fond barrani mhux regolat.**

**Apparti l-inkonsistenzi u l-informazzjoni hazina jew mhux kompatibbli li tohrog mid-dokumentazzjoni u informazzjoni pprovduta, hekk kif imsemmi hawn fuq, meta wiehed ukoll jikkunsidra li hekk kif johrog mill-*Client Profile***

[14] A fol. 76

***Appropriateness Testing Form* l-ilmentatrici kienet *retail client*, studenta qrib l-ghoxrin sena, b'introjtu annwali medju ta' bejn EUR0-10,000 u impjegata *part-time* ma' *Mc Donalds*, huwa evidenti u car li l-ilmentatrici la kellha l-esperjenza u lanqas it-taghrif necessarju biex tifhem ir-riskji involuti fir-rigward tal-prodott u s-servizz offrut ghal investiment ta' dan it-tip, kif rikjest mir-regoli fuq l-*Appropriateness Test* b'mod partikolari Regola 2.14, 2.21 u 2.22 tal-*Part BI* tar-Regoli.**

Wiehed jinnota li, filwaqt li x-xhieda tal-ilmentatrici kienet konsistenti u komprensiva, fix-xhieda tieghu il-provditur tas-servizz ma pprovdiex risposta jew spjegazzjoni ghal diversi mistoqsijiet li sarulu, fosthom, fuq kif l-ilmentatrici ghaddiet mill-*Appropriateness Test* u diversi partikolaritajiet tal-prodott *LMMPF*, fejn diversi drabi wiegeb li ma kienx jaf jew li ma jiftakarx.

Ghalhekk, minn dak kollu li ntqal f'din id-decizjoni, hemm ragunijiet bizzejjed li jiddeterminaw li l-prodott *LMMPF* ma kellux jigi promoss u mibjugh mill-provditur tas-servizz lill-ilmentatrici.

Ghaldaqstant, jirrizulta li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli u ghandha tintlaqa' t-talba tal-ilmentatrici.

F'kaz ta' *investment mis-selling* bhal dan il-kaz, l-ilmentatrici ghandha kemm jista' jkun tigi mpoggija fis-sitwazzjoni taghha qabel ma ghamlet dan l-investiment.

Ghalhekk, filwaqt li l-Arbitru qed jilqa' l-ilment sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna lill-*MFSP Financial Management Ltd.* thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000). Peress li ghadda zmien konsiderevoli mid-data tal-investiment sad-data ta' din id-decizjoni, kull imghax li setghet irceviet l-ilmentatrici ghandu jibqa' ghandha.

Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

Ghal ragunijiet ta' ekwità, gustizzja u ragonevolezza, kwalunke rikavat li jista' jkun hemm minn dan l-investiment, ghandu jmur ghand il-provditur tas-servizz u wara li jsir il-hlas moghti f'din id-decizjoni, l-ilmentatrici hija obbligata tiffirma kwalunkwe dokument necessarju biex isir dan. Din il-parti tad-decizjoni hija fakultattiva, fis-sens li hija l-ghazla tal-provditur tas-servizz jekk jezercitahiex jew le.

L-ispejjez legali ta' dan il-kaz ghandu jgorrhom il-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji